# Il-Ħajja ta' San Ġiljan skont P. Martino Mannelli

## (L-Ewwel Parti)

**Andrew Borg**
*B.Ed. (Hons.), M.Ed., D.E.A.M.*

*Din is-sena fil-parroċċa tagħna qegħdin niċċelebraw il-125 sena mit-twaqqif tagħha, filwaqt li sentejn oħra jekk Alla jrid infakkru l-125 sena mill-wasla fost missirijietna tal-vara għażiża tal-patrun tagħna San Ġiljan.* Hsibt għalhekk li bejn dawn iż-żewġ ċentinarji norjenta din is-sensiela ta' kitbiet fuq stil naqra differenti milli kellna s'issa. *Dan se nagħmlu billi se nuża dokument li sibt fl-Arkivju tal-Knisja ta' Lapsi u nippreżentalkom traduzzjoni tiegħu mit-Taljan. Dan id-dokument ħalliehulna b'wirt il-mibki saċerdot tagħna Dun Anton Sciberras, għax fil-fatt il-verżjoni li għandna hija ttajpjata minnu stess u ġġib bħala titlu:* 'Vera Copia della Storia di San Giuliano Ospitaliere che si trova nella Chiesa Parrochiale di San Giuliano.' *B'hekk inkunu wkoll qed nagħtu ġieħ lill-imsemmi Dun Anton li f'Jannar li għadda għalaq għaxar snin li twieled għall-ħajja ta' dejjem.*

### Id-Dokument li għandna fl-Arkivju

Id-dokument li għandna fl-Arkivju tal-Knisja ta' Lapsi ma jidhirx li hu antik wisq, billi kif għidna mhuwiex mitkub iżda ttajpjat, iżda jista' jirreferi għall-dokument ferm eqdem, li seta' ġie f'idejn Dun Anton jew kien misluf lilu għal xi żmien. Id-dokument jikkonsisti f'35 karta ta' daqs A4 ittajpjati min-naħa waħda biss u stejpiljati b'qoxra roża fuq quddiem u wara. It-titlu fuq il-qoxra ta' quddiem hu mitkub bil-pinna, probabbilment mill-istess Dun Anton, u huwa verżjoni mqassra tat-titlu li hemm ġewwa: '*Vita di San Giuliano Ospidaliere.*' Hemm ukoll isem l-awtur: P. Martino Mannelli, li dwaru ma rnexxielna nsibu proprju xejn, għalkemm fl-introduzzjoni li kiteb jagħtina ħjiel fejn kien jaħdem bħala patri, x'ġiegħlu jikteb dwar San Ġiljan u anke vagament fejn u kif sab il-materjal li sab. Madanakollu, tul dawn is-sentejn se nippruvaw inkomplu nfittxu f'arkivji oħra forsi nsibu minnu aktar tagħrif dwaru u dwar kitbietu.

Hawnhekk se nwasslulkom biss traduzzjoni libera biex (i) ingawdu mill-ġdid l-istorja tal-ħajja tal-patrun tagħna, (ii) inqabbluha ma' dik li aħna l-aktar midħla tagħha, u (iii) nikkomparawha wkoll mal-verżjonijiet li dehru s'issa fit-tmien artikli li ippubblikajna s'issa f'din is-sensiela. Mela, dan l-artiklu u t-tnejn li ġejjin, se jkunu fil-fatt traduzzjoni ta' rakkont bit-Taljan li tana dan l-awtur, Patri Martino Mannelli, u li wasal għandna bis-

saħħa ta' Dun Anton Sciberras. In-notamenti innumerati ser jinkludu xi kummenti tiegħi fid-dawl tal-għan tas-sensiela li qed inwasslilkom minn dawn il-paġni.

## *Kopja Vera tal-Istorja ta' San Ġiljan Ospidalier li tinsab fil-Knisja Parrokkjali l-Antika ta' San Ġiljan*

**Introduzzjoni**

Fil-għodwa tat-8 ta' Awwissu 186. (?)[1] raġel li kellu statura għolja, ta' xeħta serja, u li jagħtik x'tifhem li fiż-żmien kien sabiħ u maestuż, daħal fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ripa, jew Empoli Vecchio,[2] immexxija mill-Patrijiet Franġiskani Osservanti (li llum insejħulhom Minuri - bħal Ta' Ġieżù, biex niftiehmu). Mid-dehra tiegħu kien jidher li kien raġel qaddis, profondament mitluf f'dak il-ġmiel maestuż ta' dak it-tempju qaddis, u minkejja l-ħamsin sena li kellu, kien qisu għadu fl-aqwa ta' żgħożitu. Waqaf wara li għamel ftit passi 'l ġewwa mill-bieb, u qagħad hemmhekk josserva b'mod kurjuż, u fi ftit ħin ta daqqa t'għajn il-knisja kollha, imbagħad beda miexi biex jara fid-dettall il-partijiet ewlenin tagħha, bl-altari u l-kwadri li bihom huma mżejna.



*Il-Kunvent u l-Knisja ta' Santa Marija f'Ripa (Empoli).*

L-attenzjoni tiegħu nġibdet l-aktar lejn it-tieni altar li kien qiegħed fuq ix-xellug int u dieħel fil-knisja. Eżamina bir-reqqa l-ornamenti sagri tal-magħruf Luca della Robbia[3]; li f'nofshom kien hemm l-istatwa tal-Verġni Imbierka bil-Bambin Ġesù f'dirgħajha, filwaqt li fuq il-lemin kien hemm dik tal-qaddis serafiku ta' Assisi, u fuq kollox in-naħa l-oħra kien hemm dik ta' gwerrier żagħżugħ, li f'idu l-leminija magħluqa ponn kellu l-manku ta' xabla mikxufa, filwaqt li fix-xellugija kien qed iżomm ktieb. Id-dehra ta' wiċċu kienet ta' wieħed ħosbien u malinkoniku. Taħt saqajn din l-istatwa kien hemm lunetta magħmula minn terracotta kruda, li kellha fuqha sodda kompluta bil-baldakkin b'żewġ persuni fiha. Ftit 'il bogħod mis-sodda kien hemm figura tixbah lil dik tal-istatwa u bl-istess atteġġjament iżda b'ħarstu ffissata lejn it-tnejn li kienu reqdin fis-sodda.[4] Hawnhekk dan ir-raġel misterjuż deher jimmeravilja ruħu, u deher li dan l-altar beda jinteressah ħafna iktar mill-oħrajn, u baqa' hemm jistudjah biex jipprova jifhem xi ħaġa u jasal għas-sinifikat storiku ta' dik l-opra t'arti. Imma kollu għal xejn.

Kif qata' qalbu dawwar ħarstu lejn l-altar maġġur u hemmhekk jilmaħ reliġjuż; li kien proprju jien li qed nikteb dan ir-rakkont,[5] li min-naħa tiegħi kont għadni kif lestejt it-talb tal-uffiċċju, u kont qed nosserva proprju l-movimenti ta' dan il-viżitatur ġdid mhux magħruf. Dan resaq lejja b'mod ferm riverenti u indirizzani u b'kortesija kbira staqsieni xi

affarijiet li ried jiċċara dwar dak l-altar, u b'mod partikulari dwar dik l-istatwa tal-ġuvnott gwerrier, u għal dak li kien hemm raffigurat taħtu. Jiena, ngħidilkom id-dritt, bqajt xi ftit konfuż għax fil-fatt ftit kont naf aktar minn dak il-barrani. *L-arkivji tal-parroċċa*, għidtlu, *u dawk tal-kunvent, ma fihom l-ebda aħbar rigward l-armi distintivi li jżejnu l-armatura tal-istatwa tal-ġuvnott. Li nista' ngħidlek biss fiż-żgur hu li dik l-istatwa tirrappreżenta lil San Ġiljan il-Konfessur, li huwa ko-titular ta' din il-knisja, u li tiegħu jingħad l-uffiċċju tal-Komun tal-Konfessuri.*[6] *Wara li għidna lil xulxin erba' kelmiet oħra, huwa ġentilment sellimli u wara li ta daqqa t'għajn oħra lill-imsemmi altar, ħareġ mill-knisja.*

*Minn din l-okkażjoni ħadt spunt biex nibda nfittex it-tifkiriet u d-dokumenti li kellhom x'jaqsmu ma' dan il-ko-patrun tagħna San Ġiljan, u minnufih irraġunajt li la l-artist iddeċieda li jirrappreżentah b'dak il-mod u qegħidlu wkoll dawk l-armi singulari, bilfors li kien jaf xi ħaġa dwar l-istorja tiegħu. Għaldaqstant ikkonvinċejt ruħi li kienu jeżistu f'xi bibljoteka jew oħra, jew f'xi arkivju, xi memorji, xi aċċenni, xi stampi jew xi manuskritti li jitkellmu fuq dan il-qaddis. Għaldaqstant, għall-glorja tas-Sinjur Alla, imfaħħar u mogħti ġieħ dejjem fil-qaddisin kollha tiegħU, kif ikanta s-Salmista, u għall-ġid tal-fidili, iddeċidejt li tkun ħaġa tajba u fejjieda jekk insib x'kienu l-azzjonijet u l-virtujiet ta' dan Ġiljan, li l-Knisja Kattolika, li qatt ma waqfet tgħallem il-Verità, iġġudikat li hu dehen li jkun magħdud mal-lista tal-qaddisin.*[7]

*Għalhekk għamilt mill-aktar fis, u ma ngħidx li mhux b'ċerta diffikultà u għeja, din ir-riċerka, u ġbart kemm stajt aħbarijiet u memorji mxerrda 'l hawn u 'l hemm, u għaqqadthom f'din il-kitba fi kliemi, kliem li għażiltu apposta biex ikun faċli u li jinftiehem. Imbagħad wara li wrejtu lil xi wħud, smajt mill-pariri intelliġenti, devoti u benevoli tagħhom u ddeċidejt li nippubblikah. Ma għamiltx dan għax nistenna xi tifħir, anzi nifhem il-limitazzjonijiet tiegħi, nammetti d-difetti li jista' jkun fiha biċċa xogħol bħal din, u mhux se noqgħod ninħela fil-vanaglorja, għax dik kif jixhed isimha tisfuma fix-xejn u ttir mar-riħ. Nifhem li xi wħud anke se jikkummentaw negattivament dan ix-xogħol jekk ma jmaqdruhx ukoll. Iżda l-iskop tiegħi jidher ċar ħafna; u hawn filwaqt li nagħlaq din l-introduzzjoni, inżid biss u niddikjara li kienet l-intenzjoni tiegħi li nqiegħed u noffri lill-parruċċani tiegħi għalqa fejn jimirħu mingħajr il-biża' li jiċċapsu mill-velenu li sar fiha l-istampa moderna li tħammar il-wiċċ anke tal-barbari aħseb u ara tan-nies bħalna li nqisu ruħna b'ċivili. Huwa dan kollu, għeżież*



*Pittura li tinsab fil-Knisja Patronali mibnija mill-Conte di San Giuliano Don Antonino d'Este Orioles fl-1668 f'Tortorici.*

*qarrejja twajba, li kelli l-pjaċir li nħabbrilkom u nxandrilkom. Kunu ferħanin, u tonqsux li titolbu għalija.*

*Fr. M. M.*

**L-Ewwel Kapitlu**

Biex nibdew minn dokument awtorevolissimu, il-Martiroġju Ruman fit-23 ta' Marzu jqiegħed il-kommemorazzjoni ta' Ġiljan tagħna b'dawn il-preċiżi kelmiet: '*Caesareae, Sancti Juliani Confessoris die 23 martii*', li tfisser '*it-tifkira ta' San Ġiljan Konfessur fil-belt ta' Caesarea fit-23 ta' Marzu*'.[8] Nifhmu li b'Caesarea qed immorru għal dik tal-Palestina, belt sabiħa, li tinsab f'qagħda vantaġġjuża ħafna viċin il-baħar, u mbiegħda minn Ġerusalemm 25 lega.[9] Qabel kienet imsemmija għat-Torri ta' Stratone, iżda meta kienet mibnija mill-ġdid u msebbħa qatigħ minn Erodi l-Kbir, issemmiet Caesarea biex b'isimha tonora lill-Awgustu Imperatur. Kienet magħrufa għas-servizzi li kienet toffri lit-Truppi Rumani kontra l-istess Lhud. B'hekk ħadet l-isem ta' Flavia Augusta Caesarea kif insibuha ħafna drabi fuq għadd ta' muniti antiki. Tissemma ħafna fit-Testment il-Ġdid. Fiha kien milqut minn anġlu Erodi Agrippa, fejn miet mikul mid-dud, għax wera ruħu ingrat lejn Alla, li tant kien għamel ġid miegħu.

F'Caesarea kien mgħammed iċ-Ċenturjun Kornelju minn San Pietru; hawnhekk twieled San Filippu, id-djaknu; u l-kbir duttur tal-ġnus, San Pawl, inżamm priġunier għal sentejn, jistenna persuna li kellha tieħdu lejn Ruma, fejn kien appella quddiem it-tribunal ta' Neruni. Tajt dawn id-dettalji kollha biex inkun żgur li qed niftiehmu għal liema Caesarea qed nalludu, billi hemm ħafna oħrajn bl-istess isem bħal: Caesarea Filippi, l-oħra tal-Kappadoċja u dik tal-Bitinja, wara li aċċertajt ruħi li dwar l-ewwel waħda u mhux dwar dawn qed jirreferi l-imsemmi Martiroloġju meta jfakkar lil San Ġiljan.[10]

Ma rnexxilix insib xi dokument li permezz tiegħu stajt nistabilixxi b'ċertezza u preċiżjoni is-sena tat-twelid, il-*patria* u isem il-ġenituri ta' dan il-qaddis tagħna.[11] Hija l-opinjoni ta' Piazza[12], kif naqraw fl-Omoroloġju Sagru tiegħu taħt id-data tat-12 ta' Jannar, li dan il-qaddis twieled fis-Seklu VI, għaliex fi tmiem is-sena 755 kienu mwaqqfa, f'ġieħu u taħt il-protezzjoni tiegħu l-isptar u l-knisja tal-contrada tas-Sinjuri Cesarini minn Ruma.[13]

Jidher kważi ċert, jew tal-anqas probabbilissimu li din il-familja antika kienet fost l-iktar illustri u nobbli ta' żmienha. Fir-rigward tal-*patria* tal-qaddis tagħna (jiġifieri l-pajjiż fejn twieled) skont kif jafferma Compagnoni fir-*Reggia Picena*[14] li jirreferi għall-parċmina antika fil-propjetà tal-imsemmija knisja tal-familja Cesarini, jidher li dan kien xi belt bl-isem ta' Ath jew Huth jew Hatlah, x'imkien fl-Indostan Ingliż.[15]

**It-Tieni Kapitlu**

Sibt f'xi tifkiriet imgħoddija rakkont singularissimu, li ngħidilkom il-verità, jidher iktar li hu xi ħaġa tal-ħolm jew xi invenzjoni tal-fantasija; iżda billi din għandha ħafna minn avvenimenti straordinarji li ġraw lil San Ġiljan, iddeċidejt li nwassalulkom kif sibtu eżatt bla ma nagħtih la ħafna importanza u lanqas ninjorah għalkollox.



*Pittura misjuba waqt restawr li sar fil-Knisja ta' San Giovanni alla Rocca San Zenone fil-periferija ta' Terni. L-istudju għadu għaddej fuqha u l-figura maskili hemm min jgħid li hi ta' San Bavone. Iżda dan studjużi tal-ikonografija kkonfermaw li l-figura hi fil-fatt ta' San Ġiljan Ospitalier.*

Intant jingħad li ftit qabel it-twelid, il-missier kellu tħabbira fil-ħolm, f'viżjoni, jew kif jirrakkontaw oħrajn sar jaf mill-istudji fl-istilel (l-oroskopju li nafu bih illum), li t-tifel li kien se jitwelidlu minn martu, kellu jum fost l-oħrajn jieħu l-ħajja tal-ġenituri tiegħu. Imwerwer minn din il-premonizjoni fatali, din it-tħabbira, din l-immaġinazzjoni – kienet x'kienet – eżatt kif għammed lit-tifel ġieh li jieħu ħajjet it-tifel b'idejh minnufih, biex b'hekk isalva lilu nnifsu u anke lill-għażiża martu.[16] Sakemm kien qed jaħsibha, imfixkel u mħawwad kif kien u kważi deċiż li jobdi din it-tentazzjoni malinna li aġitatu qatigħ, ġieh li jikkonsulta kif kien xieraq ma' martu, u mar għandha biex jikseb l-approvazzjoni u jdaħħalha kompliċi f'dan l-infantiċidju.

Iżda l-omm tkexkxet meta semgħet lil żewġha jfissrilha x'kien iddeċieda li jagħmel. Dil-povra omm infaqgħet tibki, u tibki bid-dmugħ, u bejn tipprova titkellem u bejn tolfoq, irnexxielha iddawwar il-ħsieb ta' żewġha, u kkonvinċietu kif dak id-demm ta' binhom kien innoċenti, u żgur li l-qtil tiegħu kien se jqajjem vendetta quddiem Alla l-Imbierek. B'hekk kienet salvata l-ħajja ta' dan it-tfajjel, li, mitmugħ u mrobbbi b'affett matern profond, u mħares u mgħallem b'attenzjoni paterna, kiber sod u qawwi, sabiħ u mżejjen bi kwalitajiet rari kemm fil-ġisem kif ukoll fir-ruħ. Araw o qarrejja f'hix twassal il-kelma soda ta' omm: qisu li dejjem timitawha! U jekk qatt, kif nittama, ma ssibu ruħkom f'sitwazzjoni bħal din, imma forsi f'oħrajn inqas gravi, dejjem ftakru fil-bżonn tal-kalma u fit-tibrid tal-qilla ta' żwieġkom. Dan għamluh bi kliem u b'espressjonijet umli u mimlijin sentiment, li kull omm taf, jekk trid, issib u taqsam b'mod delikat ma' min tixtieqlu l-ġid.[17]

### It-Tielet Kapitlu

Ġiljan tagħna sa minn meta kien għadu żgħir kien jimpressjona lil kull min kien jiltaqa' miegħu. Kien juri ċerti attitudnijiet mhux ta' tfal li kien. Kellu inklinazzjoni qawwija lejn l-aqwa virtujiet fosthom il-ħniena. Barra minn dan kien iħobb jitgħallem, kemm ix-xjenza, kif ukoll l-arti, u kien jibbrilla wkoll fl-użu tal-armi. In-natura ddotatu b'saħħa liema bħalha u bħala karattru kien kuraġġuż ferm. Kien jagħraf jegħleb kull kuntrarju li jsib ma' wiċċu. U la kien jegħja u lanqas kien iċedi malajr, lanqas fl-aktar impenji diffiċli u interminabbli. Kulħadd kien igħid imma dal-ġuvnott ma jegħja qatt!

Intant kif tfarfar u sar żagħżugħ intilef fin-namra tal-kaċċa. Kien jgħaddi ġranet twal jiġġerra fl-imsaġar, fil-mergħat miftuħa u arridi, u anke fil-widien u fl-irdumijiet, mingħajr ma kien isib ebda diffikultà, mingħajr ma kien juri ebda sinjal ta' għeja tal-ġisem, tant li ġieli

saħansitra kien jinsa jiekol u jixrob biex isostni lilu nnifsu.[18] Kien biżżejjed għalih li jistrieħ taħt xi siġra, jew f'xi ftuħ fil-blat li kien isib f'xi rdum, fejn kien jidħol f'nagħsa ħelwa, ħelu ħelu. Kien iħobb jgħid li l-ġisem għandu bżonn l-eżerċizzju u t-taħbit, id-diffikultajiet u t-tbatija. Hekk kellu bżonn kull min kien jixtieq li jżomm lil ġismu sottomess u ubbidjenti lejn il-parti l-oħra tiegħu li kienet ferm aqwa, ferm iktar nobbli, u li kienet proprju r-ruħ spiritwali u immortali.[19]

Mitluf kif kien f'dan id-delizzju favorit tiegħu li jikkaċċja fil-boskijiet folti u fil-foresti solitarji, fejn kienu jgħixu b'abbundanza varjetà kbira ta' annimali selvaġġi, darba minnhom fettillu jinfexx b'ħeġġa kbira jsegwi ċerv kbir il-ġmiel tiegħu! Ġara li meta kien għoddu se jaqta' qalbu bla nifs kif kien, iċ-ċerv waqaf, u dar iħares dritt lejh, lejh u lejn il-vleġġa li issa Ġiljan kellu ppuntata lejn il-bhima trijonfali. F'dak il-mument, iċ-ċerv, daqslikieku kien bniedem bħalu, tkellem u qallu: "Ieqaf, u la toqtolnix: aħseb minflok u ftakar li int għad toqtol lil ommok u lil missierek."[20]


*Wieħed mill-kwadri miżmuma fil-mużew ewlieni ta' Macerata.*

Tistgħu timmaġinaw kif baqa' mibluh Ġiljan quddiem din it-tħabbira mhux mistennija u terribbli! Baqa' hekk għal ftit ħin mhux ħażin; wieqaf u immobbli daqslikieku kien xi statwa. Ipprova jikkonvinċi lilu nnifsu li dik kienet xi illużjoni li kellu jwarrabha u jinsieha minnnufih. Iżda dak il-kliem ċar u jniggeż taċ-ċerv baqa' jidwi f'widnejh. Iktar ma beda jaħseb u jirrifletti iktar beda jiżdied l-għaġeb fih fuq dak li kien seħħ quddiem għajnejh u ma setax aktar iwarrab dik it-tħabbira prodiġjuża u ma jemminhiex.

Fl-aħħar mill-aħħar ikkonvinċa ruħu li dak kien messaġġ divin, u billi huwa sa minn dejjem kien iħoss ġo fih imħabba kbira lejn il-ġenituri tiegħu, iddeċieda li jitbiegħed kemm jista' minn dak il-post li seta' jwasslu li jwettaq dak il-qtil imħabbar. Kif qatt seta' joqtol lil dawk, li wara Alla nnifsu, kienu huma li tawh il-ħajja!

Għaldaqstant irrinunzja għall-kaċċa, mar lura d-dar, sellem rispettożament il-ġenituri, wriehom kemm felaħ l-affett filjali u l-gratitudni kbira li kellu lejhom, u jum fost l-oħrajn qam u telaq bil-moħbi biex ma jiksrilhomx qalbhom.[21] Ġiljan iħalli l-bejta fejn twieled u trabba, u lebbet lil hinn saħansitra mill-konfini ta' art twelidu, biex mar jivvjaġġa f'reġjuni mbiegħda. Kien dejjem ifittex postijiet imwarrba, fittex li jinqata' għalkollox mill-ħajja soċjali u beda jgħix ħajja ta' talb, ta' meditazzjoni u ta' penitenza. Minn żmien għal żmien kien jieqaf f'xi belt jew f'xi kastell biex isib ftit neċessitajiet tal-ħajja, iżda l-iktar li kien ifittex kienu l-bżonnijiet tar-ruħ.

## Ir-Raba' Kapitlu

Dawk iż-żjajjar ta' malajr li kien jagħmel fl-ibliet u l-irħula tal-madwar kienu għalih okkażjoni biex joħroġ ftit mis-solitudni li ħakkmitu iżda servew ukoll biex in-nies saret taf bih, u setgħet tinnota l-binja sabiħa tiegħu, l-imġiba eżemplari tiegħu, l-istil nobbli li bih kien iġib ruħu, il-ġentilezza u s-sens ta' kavallerija tiegħu. Dawn l-attributi kollha sbieħ ma setgħux jaħarbu l-attenzjoni tal-Prinċep li kien jaħkem dak ir-reġjun li minnufih ħa grazzja miegħu u ma tilifx żmien biex jistiednu jidħol fl-armata tiegħu. Ftit jew xejn għamel reżistenza ż-żagħżugħ Ġiljan għal dan l-invit, billi kif nafu, huwa kien diġà mħarreġ sew fl-isparar u kien jaf juża' tajjeb l-armi tal-gwerra. Barra minn hekk, kellu ġenn biex jerġa' jibda l-eżerċizzju ta' kuljum biex ħajtu terġa' ssir attiva. Bis-saħħa t'hekk reġa' sab żvog għal dak li minn dejjem kien inklinat għalih, iżda did-darba kien se jkollu wkoll ħlas tajjeb biex ikun jista' jmantni lilu nnifsu.

Huwa sar suldat tajjeb[22], fidil lejn is-sovran tiegħu, diliġentissimu f'kull taqsima li ħadem fiha, ma jgħejja qatt fit-taqbid, qalila kemm tkun qalila l-battalja. Fl-istess ħin baqa' dejjem prudenti u stuż, ma jidħaq ħadd bih iżda lanqas jidħaq b'ħaddieħor. Saħansitra kien juri ġustizzja u umanità anke mal-għadu. Għaldaqstant ma nistgħux niskantaw kif il-Prinċep tal-post, li fil-bijografiji li sibna għalkemm ma tawniex ismu, qalulna kemm kien intelliġenti f'dak li jirrigwardja l-affarijiet militari u l-gwerer, inġibed b'mod straordinarju lejn dan iż-żagħżugħ. U hekk kif fl-ewwel kampanji militari huwa ammira fih l-għerf u l-kuraġġ, minnufih ippremjah billi tellgħu għall-grad ta' uffiċċjal. Ġiljan, aktar u aktar, intefa' b'ruħu u b'ġismu jistudja l-pajjiżi tal-madwar, biex isir jaf sew x'kienet in-natura ta' dawk in-nies li tant dehru li kienu bla manjieri u goffi, kif kienu jippreparaw għat-taqbid u l-bqija. Dan għenu ħafna biex jirbħilhom iktar malajr u bla diffikultajiet kbar, u mhux biss, kellu l-ħabta jġibhom fejn irid hu, jiġifieri sottomessi għall-istess Sovran tiegħu.



*San Ġiljan fuq iż-żiemel, impitter fuq važun li jagħmel parti minn par, u li jinsab espost fil-Mużew Ċiviku tal-Palazzo Buonaccorsi ġewwa Macerata.*

Kuljum huwa kien jagħti lil kulħadd prova tal-bravura u tal-valuri tiegħu. Malajr narawh javvanza għall-kariga ta' kmandant suprem tal-kavallerija. U taħt l-istandard irjali mexxa taqbida kbira, li l-kronisti jiddeskrivu bħala formidabbli u skabrużissima. Hawn ukoll joħroġ rebbieħ fuq ir-ribelli u jreġġagħhom lura għall-ordni, filwaqt li jreġġa' lura l-paċi u s-sens ta' sikurezza fir-reġjun kollu, b'kulħadd isegwi l-liġijiet, u b'dan anke jikkonsolida u jsaħħaħ il-kuruna tar-Re. Ġiljan ma kienx kburi bih innifsu. Il-glorji li kien qed jikseb fuq il-kamp tal-battalja kien jattribwihom lil Alla. Dejjem lilu talab għall-għajnuna, għax il-fidi tiegħu fiH kienet kbira wisq. Bi kliemu u bl-azzjonijiet tiegħu kien jagħti eżempju tajjeb lis-suldati fdati taħt il-kmand tiegħu. Magħhom kien jitlob qabel kull taqbida u filwaqt li

jgħolli ħarstu 'l fuq kien itenni kliem il-Profeta: Meta jiena wkoll nimxi fid-dell tal-mewt, ma nibżax mis-saram, għaliex miegħi ikun hemm Int; il-bastun tiegħek, l-għasluġ tiegħek iqawwili qalbi."[23]

Imsaħħaħ b'tama soda bħal din huwa kien jintefa' bla biża' fit-taqbida perikoluża, u kien ixejjer bix-xabla lejn il-lemin u lejn ix-xellug, iħeġġeġ kemm jiflaħ lil sħabu, imidd lill-għadu fl-art, jirbaħ u jirritorna mill-kamp fost l-applawżi ta' kulħadd. Iżda huwa, umli u twajjeb kif kien, kien jattribwixxi r-rebħ tiegħu lejn it-tjubija u s-setgħa ta' Alla li hu tant kien jemmen fih.

**Il-Ħames Kapitlu**

Meta kienet tintemm trijonfalment xi gwerra tremenda u mdemmija, u l-ordni tkun ġiet ristabbilita u l-paċi assigurata mill-ġdid, u dan kollu grazzi għall-Kbir Ġiljanu, wieħed ma jistax jiddeskrivi b'liema u b'kemm il-kongratulazzjoni kienu jilqgħuh, b'liema u b'kemm applawżi u kliem ta' tifħir kienu jagħtuh ġieħ, u b'liema u b'kemm ringrazzjamenti kienu jaslulu minn kullimkien.



Le due vite di San Giuliano l'Ospitaliere, *pittura li tinsab fil-Pinacoteca, Cagliari.*

Min kien jeżulta l-astuzja u l-valuri tiegħu u min il-prudenza u l-kuraġġ li kien juri. Kulħadd kien jaqbel li Ġiljan kien sar meqjus bħala l-benefattur tal-patrija li kienet addottatu. Huwa kien denn tal-gratitudni universali, u għalhekk kien jixraqlu kull ġieħ u glorja li jingħatawlu, l-ewwel u qabel kulħadd mis-Sovran innifsu. Fil-fatt, filwaqt li min-naħa kien jilqa' l-unuri u l-omaġġi attribtwiti lilu mill-poplu kollu, ma damx ma ġie mħallas ta' dan il-ġid kbir li ġab fil-pajjiż kollu.

Issa l-Prinċep tal-post, għal raġunijiet li probabbilment kellhom x'jaqsmu ma' parentela, kien irregala kastell rikk u sabiħ lil żagħżugħa li kienet sfat armla qasir il-għomor. Darba minnhom il-Prinċep sejħilha biex tidher quddiemu. L-istess għamel lis-suldat Ġiljan. Kif kienu t-tnejn quddiemu ppropona li t-tnejn jiżżewġu 'l xulxin. Dan għamlu għax huwa ried iħallas lil Ġiljan tas-servizzi kollha tiegħu billi jaħtru l-patrun u l-gvernatur ta' dan il-kastell. Mhux biss iżda tah ukoll ħafna mill-ġid li kien jippossjedi u bosta rigali oħra. Meta ra li t-tnejn kienu aċċettaw din il-proposta, il-Prinċep żamm kelmtu. B'hekk Ġiljan ħa lil din l-armla b'martu fost iċ-ċapċip tal-folla numeruża. Quddiemhom ukoll daħal għall-ewwel darba fil-kastell kbir, sabiħ u iffortifikat tajjeb, li issa kien sar tiegħu. Ġiljan fil-kwiet u fit-trankwillità, spiċċa fil-pussess ta' ħafna beni, iżda baqa' jżomm il-karattru sabiħ tiegħu, u kien iħobbu kulħadd, u kien stmat minn kulħadd.

Ma setax ikun aktar kuntent. Kien kuntent, anzi ferħan, u sodisfatt għall-aħħar għax kien issielet u għaraq l-għaraq tad-demm, biex ngħidu hekk, kważi spalla ma' spalla mal-Prinċep.

Kien jgħix kemm jista' jkun irtirat, u kien jgħaddi s-sigħat fit-talb lil Alla u fil-qari tal-kotba mqaddsa; inkella kien imurlek xi passiġġata f'xi bosk jew għalqa jew f'xi ġnien flimkien mal-għażiża mara tiegħu. Flimkien kienu jikkontemplaw u jammiraw il-ġmiel tan-natura u b'dan kienu jħossuhom aktar viċin ta' Alla permezz tal-kontemplazzjoni fl-imħabba tal-Ħallieq Suprem. Kien iħobb l-ordni, il-proprjetà u d-dekor f'kull ħaġa li kien jagħmel, iżda ma kienx jaċċetta lussu żejjed. Is-superfiċjalità ma kinitx għalih. Kien bniedem profond. Fid-dawl ta' dak li kien jaqra fil-Vanġelu dwar iż-żejjed li għandu jingħata lill-fqir, Ġiljan kien jagħti miż-żejjed tiegħu lill-fqar. Lilhom kien jagħti kull forma ta' għajnuna. Ma kinitx tgħaddi ġurnata li ma kontx tarah issabbar numru sabiħ ta' persuni bil-ġenerożità u bil-karità tiegħu. Sadanittant huwa kien iħeġġeġ lil dawn biex jippruvaw isibu mezz kif jaqilgħu l-ħobża tagħhom ta' kuljum u fl-istess ħin joqogħdu bogħod mit-tlajjar u mill-għażż li ma jġibux għajr vizzji ħżiena. Huwa stess kien iħarishom. Kien jidderieġi u jsabbar il-ħaddiema li jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum bl-għaraq ta' ġbinhom. Għax għalih li tkun f'nofs il-fqar, tiddiskuti u tirraġuna b'mod familjari magħhom ma kinitx xi ħaġa li ttebagħlu ġieħu. Bħal f'kollox kien iżomm bilanċ, għalhekk ma kienx ifittex li jkasbar lis-sinjur, għax dawn kienu ulied il-Missier Etern ukoll.

Filwaqt li hu kien imexxi 'l ħaddieħor, għalih kien hemm il-mara biex tmexxih. Mara bis-sens. Sabiħa fid-dehra tagħha, iżda isbaħ fir-ruħ, għax kienet mimlija virtù. Mara pija u b'qalb tad-deheb bħal żewġha stess. Kienet tiddistingwi ruħha u tibbrilla fl-għerf, fl-ispirtu interjuri ħaj tagħha u fid-dedikazzjoni għar-reliġjon. Kienet mara ta' ħniena bla skrupli u preġudizzji. Kienet temmen li l-mara, anke jekk sinjura u mgħallma, qatt ma kellha twarrab u titraskura l-proprji doveri tagħha. Għaldaqstant, anke jekk kienet sinjura u kważi mexxejja ta' dak kollu li jiġri fid-dar, kienet tħobb ħafna tagħmel il-faċċendi tad-dar, tħit u ssewwi. Ma' dawn kienet tagħmel xogħolha ta' Nisranija u tipprattika kostantament il-virtujiet l-iktar sbieħ.

B'dan il-mod hija kienet tidher fir-realtà bħal eżempju ħaj u jitkellem għall-miżżewġin kollha, għall-ommijiet tal-familji, u b'hekk kienet issir aktar maħbuba mill-qalb ta' żewġha Ġiljan, li kien ta' sikwit jiftakar il-kliem ta' Salamun fil-Ktieb tal-Proverbji: "Min sab mara tajba, sab teżor." Tagħha kien jirringrazzja wkoll lil Alla. "O tabilħaqq, il-mara twajba hija teżor: hi, kif jagħti l-poeta antik Grieg, "tixbah lin-naħla: kasta, moderata, attenta fuq xogħolha, ma titlajjax, tħobb it-tfal."



*Ix-xena ċentrali ta' San Ġiljan jimmira l-vleġġa fuq iċ-ċerv li jkellmu u jwiddbu. Kif insibu f'xi wħud mir-rakkonti, hawnhekk jidhru wkoll iċ-ċerva omm u l-ferħ tagħha fl-isfond. Il-pittura hija sspirata mir-rakkont ta' Flaubert.*

Intant huma kienu qegħdin igawdu ferħ invidjabbli, u dawn it-tnejn miżżewġin kienu għaddejjin ġurnata wara l-oħra, fidili lejn xulxin u jaqblu ma' xulxin. Iżda x'waħda din kemm hi qasira din il-feliċità umana!

Miżerabbli huma ulied Eva, li fiha jafdaw, u ma jiftakrux li tad-dinja jrid jgħaddi kollox. Hekk hemm miktub fis-smewwiet, li qasira tkun il-feliċità ta' dawn iż-żewġ maħbubin magħqudin fedelment fiż-żwieġ: iżda inkomplu l-istorja u naraw x'jiġri s-sena d-dieħla.

## Konklużjoni

Se nieqfu hawn mir-rakkont tal-imsemmi Patri Martino Mannelli. Wasalnielkom daqs għaxar paġni mid-dokument li sibna. Nissuktaw fiż-żewġ edizzjonijiet li ġejjin. S'issa ħareġ ċar li l-għan tal-kittieb ma kinitx l-awtentiċità u l-eżattezza storika tal-ħajja tal-qaddis, iżda l-enfasi tiegħu hi fuq it-tagħlim mill-eżempju tiegħu. L-eżempju jkaxkar jgħid il-Malti u hekk qed jipprova juri l-awtur.

### Referenzi

[1] Sfortunatament id-data mid-dehra ma kinitx tinqara sew għax Dun Anton kiteb tliet figuri minn erbgħa u kompla b'ellissi (...). It-tliet figuri 186 iżda huma indikattivi biżżejjed u jeħduna lejn tmiem is-Seklu XIX.

[2] Id-dokument jinkludi nota dwar Empoli Vecchio li tgħid hekk: *Skont Repetti* (fittixna u sibna li dan kien ġeografu, storiku u naturalista Taljan li għex bejn 1776 u 1852), *ma fadalx tifkiriet ta' din il-contrada li jmorru qabel is-Seklu VIII. F'xi dokumenti antiki nstab li fis-sena 780 tliet aħwa* li kienu *ġejjin mil-Lombardija kellhom ħafna beni u kienu meqjusa b'nobbli. Din il-contrada fl-antik kellha fil-konfini tagħha bosta knejjes: S. Donato, S. Giuliano, S. Mammante, S. Michele u S. Lucia, xi wħud ilhom ħafna li spiċċaw, u oħrajn li baqgħu ngħaqdu mal-Parroċċa ta' Santa Maria a Ripa eretta fl-1442 minn Papa Eugenio IV, li qabel kienet ukoll magħrufa bħala San Maria in Castello u anke Santa Maria Delle Grazie. Il-knisja kienet ilha wieqfa hemm sa mill-1300, u kienet twaqqfet u baqgħet titmexxa minn saċerdoti* (li aħna nsejħulhom) *djoċesani. Familja nobbli minn Firenze li kellha l-ġuspatrunat tagħha, bil-kunsens tar-Rettur Francesco di Buto irnexxielha twaqqaf il-kura tagħha u b'hekk il-beni għaddew f'idejn il-kapitlu ta' Empoli, bil-piż u l-obbligu li jagħtu lill-imsemmi Rettur, tul ħajtu kollha, ammont ta' qamħ (staia 30 di grano), u li wara mewtu jagħtu wkoll dota lis-suċċessur tiegħu għall-bżonnijiet tal-erwieħ. F'dak iż-żmien is-Sinjuri Patruni msemmija waqqfu kunvent għall-Patrijiet Franġiskani Osservanti* (li eventwalment bdew jissejħu l-Minuri), *li ħadu pussess tiegħu fl-1483, u b'hekk ġiet f'idejhom ukoll il-kura u l-amministrazzjoni tal-parroċċa. Il-knisja kienet ikkonsagrata fil-11 ta' Lulju 1540 minn Mons. Bonaventura Dalmatino, Isqof ta' Cruciense. Fl-1781 Mons. Antonio Martini, Arċisqof f'Firenze għalaq il-knisja ta' San Mikiel fl-istess contrada ta' Empoli Vecchio. Viċin il-bieb tal-ġenb li jwassal għas-sagristija hemm miżmum il-korp sant tal-Beatu Bartolomeo Magi di Anghiari, saċerdot tal-Patrijiet Minuri jew Osservanti kif kienu magħrufin dak iż-żmien, li kien ħalla din il-ħajja fit-8 ta' Marzu 1510. Bl-interċessjoni u l-merti ta' dan is-serv fidil, Alla ppermetta prodiġi varji, fosthom nieħu pjaċir nirrakkuntalkom dawn li ġejjin.* Fil-fatt mhumiex inklużi hawn dawn il-mirakli iżda hemm biss parentesi bil-kliem (pochi miracoli) u referenza: Vedi V. Wadingo, Annali de' FF.MM.

[3] Fittixna min hu u sibna li Luca della Robbia (1400-1482) kien skultur Taljan minn Firenze, magħruf l-aktar għall-medaljuni maħduma fit-terracotta tleqq, teknika li jingħad li żviluppa huwa stess. Ara is-sit: https://en.wikipedia.org/wiki/Luca_della_Robbia

[4] Fil-fatt meta fittixna tagħrif fuq din il-knisja u dak kollu li fiha sibna li eżattament 'int hu dieħel ix-xellug tiltaqa' mal-kappella tal-Assunta (...) imbagħad tkompli miexi u ssib il-kappella ta' San Franġisk b'altar tal-ġebel li fuqhom hemm fit-terracotta tleqq Madonna bil-Bambin, u l-qaddisin Franġisku u Ġiljan (u fuq il-bradella raffigurazzjonijiet tal-Pietà, ta' San Franġisk bl-istimmati u San Ġiljan qed joqtol lill-ġenituri tiegħu – xogħol ta' Santi u Benedetto Buglioni ddatati madwar l-1520. Għalkemm mhijiex eżatt kif iddeskrivieha l-awtur tad-dokument li għandna f'idejn imma jidher ċar li tirreferi għall-istess ħaġa. Ara s-sit: https://it.wikipedia.org/wiki/Convento_e_chiesa_di_Santa_Maria_a_Ripa_(Empoli)

[5] Fi kliem ieħor Patri Martino Mannelli. Fil-fatt ktibt lill-imsemmi kunvent biex nara għandhomx tagħrif fuqu.

[6] Eżattament kif nagħmlu aħna fil-festa titulari tagħna.

[7] Ċertifikat verament sabiħ għall-qaddis tagħna, fejn dan il-Patri jistqarr li ladarba l-Knisja għollietu fuq l-altari mal-qaddisin l-oħra sinjal li għamel affarijiet u kien imżejjen b'virtujiet li jixraqlu dan il-ġieħ, għax kieku ma kienx dan, il-Knisja Kattolika – għalliema tal-verità – ma kinitx tagħżlu għal dan il-għan.

[8] Fittixnieh f'dak attwali u f'din id-data ma sibnihx, iżda nafu li dan id-dokument kien ġie rivedut. Ara s sit: http://www.vatican.va/roman_curia/pontifical_academies/cult-martyrum/martiri/009.html#marzo

[9] Lega kienet distanza mkejla kemm fuq l-art u kemm fuq il-baħar fl-Ewropa u anke fl-Amerika Latina. Oriġinat minn Ruma tal-Qedem. Id-distanza mkejla ma kinitx eżatta billi kienet titqies b'kemm bniedem jew żiemel jimxi fi żmien siegħa; għalhekk id-distanza kienet tvarja bejn l-4 u s-6 kilometri.

[10] Kif wieħed jinnota dan huwa post li qatt qabel ma rajnieh assoċjat mal-qaddis tagħna, rajna kemm rajna rakkonti differenti.

[11] Dwar provenjenza u data ta' twelid għidna kemm-il darba li ma sibniex, iżda ismijiet tal-ġenituri tiegħu, fejn sibniehom, dejjem qablu: Lusinda ommu u Karlu missieru.

[12] Sfortunatment s'issa ma sibniex min kien dan Piazza, u lanqas ma sibna l-*Omorologio Sacro* x'inhu, għalkemm jidher li hu xi almanakk tal-qaddis.

[13] Hemm diversi persunaġġi jisimhom Giuliano f'din il-familja famuża taċ-Cesarini, allura nifhmu li fil-knisja tagħhom seta' kellhom lil xi qaddis jismu Ġiljan, li allura verament, kif jgħid l-awtur kien jeżisti qabel żmien din il-familja.

[14] Fittixna u sibna li l-awtur huwa Pompeo Compagnoni u l-ktieb imsemmi jismu *La reggia Picena, overo de'presidi della Marca*, u interessanti ħafna għalina li kien ippubblikat f'Macerata – post assoċjat ħafna ma' San Ġiljan – fl-1661.

[15] Hawnhekk il-biċċa mhijiex faċli, għax meta ppruvajt infittex dawn l-ismijiet bit-Taljan ma sibthomx. Però naf li Ath huwa post fil-Belġju: muniċipalità fil-provinċja Walloon. Iżda s'issa ma nafx nispjega l-Insotan Ingliż kif jidħol fil-biċċa, jew kienx hemm xi post ieħor fil-qedem li kellu dan l-isem jew xi isem jixbhu; fil-fatt l-awtur jagħti tlieta: Atte, Huth u Hatlah; jew almenu hekk kiteb Dun Anton.

[16] Minkejja li l-awtur jidher perpless b'dan ir-rakkont, aħna ltqajna ma' dan l-episodju fl-istorja ta' San Ġiljan f'diversi sorsi, fosthom fir-rakkont poeżija ta' Dun Anton innifsu, li probabbilment, allura ġabha minn hawn din il-parti tal-istorja.

[17] Hawn joħroġ ċar ħafna dak li stqarr l-awtur fl-introduzzjoni tiegħu meta implika li għalih mhux il-korrettezza storika, ġeografika u dettalji oħra kienu l-għan tiegħu, iżda t-tagħlim tal-valuri sbieħ tal-bniedem. U hawn għandna tifħira xierqa għal dak li tista' tagħmel omm fil-konfront ta' żewġha.

[18] Niftakru li Flaubert ukoll tana deskrizzjoni ħajja ħafna tal-esperjenzi avventurużi li Ġiljan kien ikollu meta kien joħroġ ġranet sħaħ għall-kaċċa. Ara BORG, A., (2009 "Il-Ħajja ta' San Ġiljan kif Irrakkuntata Matul is-Snin – II Parti: Gustave Flaubert" f'Lapsi, nru. 2, pp. 19-28.

[19] Dan il-valur spiritwali miġjub minn attività fiżika jipprietkah pereżempju San Ġwann Bosco, li b'hekk kien għaraf jikkontrolla l-enerġija stravaganti tat-tfal tat-toroq ta' Turin. Ħidmitu llum ikompluha l-patrijiet Sależjani, anke f'Malta. Qaddis ieħor li kien jemmen f'dan kien San Filippu Neri. Jekk wieħed ifittex fuq *youtube* l-film tar-Rai TV, *Preferisco il Paradiso*, jifhem dan il-kunċett żgur.

[20] U hawnhekk l-awtur jagħtina nota hu stess: *Għandna fil-ktieb qaddis tan-Numri, Kap. 22, v. 28: U l-Mulej fetaħ fomm il-ħmara u din qalet lil Balgħam:* "X'għamiltlek? Diġà sawwatni tliet darbiet!" *Hekk kif jgħidilna Mons. Martini, kif id-dimonju ċaqlaq fomm is-serp biex ikellem lil Eva, hekk issa l-anġlu tal-Mulej iċaqlaq ilsien il-ħmara biex din tkellem lil Balgħam. Santu Wistin jistagħġeb iktar bl-istupidità u l-għama perversa ta' Balgħam milli fit-tlablib ta' din il-bhima tal-ġarr. Cornelio a Lapide jgħid li dawn il-vuċijiet ma jiffurmawx fir-ruħ jew il-moħħ tal-bhima, iżda huma ffurmati b'moviment esterjuri magħmul mill-anġlu tal-Mulej fil-ħalq tal-bhima. Hekk*, jgħidilna l-awtur f'din in-nota, *jidher u probabbli ħafna li ġara fil-kas ta' din iċ-ċerva li kellmet lil Ġiljan. Huwa mbagħad jirreferina għan-noti dettaljati fuq il-ħajjiet tas-Santi Padri minn Eriberto Preserveido (sic).* Din ir-riferenza sibnieha wkoll: Rosweido, Eriberto (1628) *Vite dei Santi Padri*, stampat mill-Kumpanija ta' Ġesù f'Anversa. Irrid inżid li affaxxinati din l-ispjega fuq id-diskors taċ-ċerv li qajla smajnieha f'kemm-il paniġierku kellna f'San Ġiljan. Mhijiex xi fatt li għandna niskreditawh jew ma ntuhx importanza, dan taċ-ċerv, għax saħansitra l-aqwa dutturi tal-Knisja jaċċettaw fenomeni bħal dawn bħala divini u bħala forma ta' kif Alla kellem il-qalb tal-bniedem.

[21] Qabel it-tluq sigriet, li aħna dejjem qrajna dwaru fl-istejjer ta' ħajtu, hawnhekk għandna xi ħaġa sabiħa fejn Ġiljan isellem lill-ġenituri tiegħu – isellem fis-sens li jagħtihom ġieħ – u anke jagħmel bosta għemejjel biex jurihom kemm iħobbhom, proprju fil-ftit ġranet qabel telaq minn magħhom għall-għarrieda. Min jaf kemm qalu, dan x'kien ġej b'dawn l-affezzjonijiet kollha! Għax għalkemm huma kienu jafu x'tifel rabbew, meta sar żagħżugħ kienu draw il-modi stravaganti li bihom kien jgħaddi l-ġranet jiġġerra barra. Issa f'daqqa waħda ġie jitfissed magħhom bħalma kien jagħmel meta kien tifel żgħir. Mur għidilhom x'kien se jgħaddi minn għalihom?

[22] Li San Ġiljan kien suldat m'għandniex dubbju, żgur li ma kienx suldat Ruman kif għoġbu jlibbsu l-artist Malti Karlu Darmanin, li ċertament kellu f'rasu li jagħti lill-Ġiljaniżi ta' dak iż-żmien dehra maestuża ta' suldat, u x'hemm isbaħ minn suldat ta' Ruma? Din mhijiex xi ħaġa partikulari għall-istatwa tagħna biss, iżda għall-parti l-kbira minnhom. Pereżempju żgur nafu li l-Madonna ma kinitx tilbes il-blu, ir-roża, iżda ħafna santi, pitturi u statwi jattribwulha dawn il-kuluri. Lil San Ġużepp inlibbsuh il-vjola u l-kannella jew isfar dehbi, kuluri rjali biex niftakru li hu kien ġej mill-familja tas-Sultan David. U nistgħu nibqgħu sejrin insemmu eżempju wara l-ieħor. L-importanti li fil-vara ta' San Ġiljan naraw suldat fil-glorja tiegħu, l-ewwel nett għax tabilħaqq kiseb din il-glorja mondana, iżda aktar minn hekk għax kif se naraw iktar 'il quddiem, huwa sar suldat tal-ħniena, paladin tal-fqir, tal-batut, tal-marid.

[23] Fil-fatt dan il-kliem hu meħud minn Salm 23, vers 4.